

Brussell, 14 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14920/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0233 (NLE)**

**JUSTCIV 174
CONSOM 248
MARE 41
COMER 150
RELEX 1400**

NOTA PUNT "I/A"

| | |
|----------------|--|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 12057/25 |
| Suġġett: | Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022 (il-"Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti") - Ftehim fil-prinċipju - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew |

1. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, ġiet adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022 (il-"Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti"). Il-Kummissjoni mbagħad ippreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' din il-Konvenzjoni, li ġiet adottata fit-12 ta' Diċembru 2023¹.
2. L-Unjoni Ewropea ffirmat il-"Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri" fl-14 ta' Marzu 2024.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/414 tal-21 ta' Diċembru 2023 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022, ĠU L, 2024/414, 29.1.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/414/oj>

3. Fl-24 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, akkumpanjata minn Dikjarazzjoni li tistabbilixxi l-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea, fil-mument tal-konklużjoni.
4. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar Materji ta' Dritt Ċivili fis-17 ta' Settembru u l-10 ta' Ottubru u ġiet approvata, kif modifikata, biex jittieħed kont ta' għadd ta' aġġustamenti meħtieġa.
5. It-test tal-Konvenzjoni huwa disponibbli bil-lingwi kollha fid-dokumenti 15716/23 u 15716/1/23 REV 1.
6. Għaldaqstant, huwa rrakkomandat li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill:
 - a) jaqbel fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni u d-dikjarazzjoni tal-kompetenzi rilevanti mehmuża, kif iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti (14882/25 + ADD 1);
 - b) jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni, li miegħu hija mehmuża l-Konvenzjoni, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.